MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANTHONY ELLUL

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 380/2010

**Victor Camilleri u Caroline Cassar**

**Vs**

**Angelo u Malai konjugi Sammut u Albert Sammut**

Permezz ta‘ kawza prezentat fis-16 ta‘ April 2010 l-atturi, filwaqt li talbu dikjarazzjoni li l-konvenuti ma kellhom l-ebda jedd li jiffirmaw ftehim li jwassal ghall-bejgh ta‘ xarabank numru FBY 697 lil Transport Malta peress li kienet proprjeta tal-atturi, talbu l-likwidazzjoni u hlas ta‘ danni minghand il-konvenuti jew min minnhom.

Il-konvenuti pprezentaw twegiba guramentata fejn wiegbu li:-

1. Albert Sammut iddikjara li ma kellu l-ebda relazzjoni guridika mal-atturi u ghandu jigi mehlus mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi.
2. Dak li sehh kien bil-kunsens tal-atturi u ma sofrew l-ebda danni.

Fis-seduta tat-3 ta‘ Novembru 2011 l-atturi ddikjaraw li *“m’ghadx ghandhom interess fil-mertu hlief ghas-somma li giet depozitata fil-qorti u l-kap tal-ispejjez“*.

Permezz ta‘ skrittura ffirmata fl-4 ta‘ Lulju 2004 (fol. 4), Angelo u Malai Sammut bieghu lill-atturi x-xarabank numru FBY 697. Bejgh li sar bil-prezz ta‘ Lm80,000 li kellu jithallas permezz ta‘ pagamenti ta‘ Lm200 kull hmistax-il gurnata. Fil-ftehim jinghad li *‘l-licenzja tax-xarabank iddur f’isem ix-xerrejja malli jithallas il-prezz kollu fuq miftiehem.’*.

Permezz ta’ skrittura ffirmata fit-28 ta’ Jannar 2010 Angelo Sammut obbliga ruhu li jbiegh lil Trasport Malta x-xarabank in kwistjoni flimkien mal-licenzja versu hlas ta’ €123,000 (offerta C). Brian Farrugia, ufficjal ta’ Transport Malta xehed: *‘Nikkonferma li l-ftehim li gie ffirmat ghadu konvenju. Jekk Sammut mhux ser jigi u jiffirma l-konvenju ser jaqa’, il-Gvern ser jitolbu lura l-flus u x-xarabank ikun jista’ biss juzah ghall-uzu privat u l-Gvern ma jhallas l-ebda kumpens. Sat-3 ta’ Lulju irid jigi ffirmat il-kuntratt ghaliex dakinhar jibda l-operatur il-gdid.’*.

Permezz ta’ nota prezentata fil-15 ta’ Gunju 2011, l-atturi cedew it-talba fil-konfront ta’ Albert Sammut.

Jirrizulta li fil-mori sar it-trasferiment lil Transport Malta, u l-flus dovuti mill-awtorita bhala kumpens gew depozitati fil-qorti. Fil-fatt fis-seduta tad-9 ta’ Gunju 2011 gie ddikjarat li l-atturi kienu qeghdin jaqblu li l-kumpens li kien dovut skond il-ftehim li gie ffirmat minn Angelo Sammut, kellu jithallas lill-atturi. Fil-fatt id-difensur tal-atturi ddikjara li *‘….hemm qbil li s-somma ta’ kumpens li Angelo Sammut ser jircievi minghand il-Gvern ta’ Malta (Eur 123,000) tithallas lill-atturi…..’* u d-difensur tal-konvenut iddikjara li *‘….hemm qbil illi kwalsiasi beneficcju relatat ma din il-vettura huma ntitolati ghalih l-atturi biss.’*.

Permezz ta’ prospett li pprezentaw fit-28 ta’ Mejju 2010 l-atturi ddikjaraw li d-danni li qeghdin jippretendu kienu :-

- €12,300 li rceva Sammut minghand Transport Malta. Fis-seduta tad-9 ta’ Frar 2011 xehed Brian Farrugia, ufficjal ta’ Transport Malta, u kkonferma li kien inhareg cekk datat 25 ta’ Marzu 2010 ghas-somma ta’ €12,300 f’isem Angelo Sammut u tqassam fl-1 ta’ April 2010 (ara kopja a fol. 123). Il-kawza giet prezentata fis-16 ta’ April 2010.

- Il-bilanc li kellu jircievi minghand l-istess awtorita, u li effettivament gie depozitat fil-qorti wara mandat ta' sekwestru li nhareg fuq talba tal-atturi;
- Telf ta' qliegh ghall-perjodu ta' 10 snin, u dan in kwantu skond l-iskema inghata d-dritt lil min ghandu l-karrozzi tal-linji li jidhol fi ftehim ta' impjieg mal-operatur ghall-perjodu ta' 10 snin. Fl-iskrittura din il-parti giet ingassata. Jirrizulta li fil-mori tal-proceduri l-atturi ma baqghux interessati f'din il-pretensjoni. Tant hu hekk li fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fis-7 ta' Dicembru 2011 l-attrici ddikjarat li *'…. m'hijiex qieghda daqstant tinsisti fuq il-likwidazzjoni ta' danni minhabba li tilfet l-opportunita' ta' impjieg.'*. Fil-fatt jirrizulta li fil-mori tal-proceduri kienet impjegat ruhha mal-Arriva izda wara ftit waqfet.

L-attrici xehedet fis-seduta tad-9 ta' Gunju 2011 u ddikjarat li *'….. bhala offerta fil-kaz tax-xarabank mertu ta' din il-kawza konna ser naghzlu li niehdu l-kumpens pero ridna wkoll l-impjieg mieghu. Meta qed nghid il-kumpens dan qed nirreferi ghall-kumpens ta' mija tlieta u ghoxrin elf ewro.'*.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011, id-difensur tal-konvenut iddikjara :-

*'1. Angelo Sammut qieghed jippretendi biss il-hlas tal-bilanc tal-prezz u l-imghaxijiet ghal dawk il-pagamenti li fihom l-atturi huma moruzi, jekk l-atturi jaccettaw li l-ispejjez ta' din il-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, ma jippretendi xejn iktar minghandu(hom).*

*2.L-unika pretenzjoni li ghandu Albert Sammut fil-konfront tal-atturi hi li jithallas l-ispejjez ta' din il-kawza.'*.

Fil-fehma tal-qorti l-affarijiet ma sarux sew. Hu minnu li skond il-ftehim tal-4 ta' Lulju 2004 il-licenzja tal-vettura ma kellix iddur qabel jithallas il-prezz kollu, pero hu wkoll minnu li Sammut ma kellux dritt li jaqbad u jaghmel ftehim ma' Transport Malta minghajr ma jinvolvi lill-atturi. L-atturi kellhom interess fil-vettura li xtraw u li fil-fatt kienu qeghdin joperaw u jithallsu tax-xoghol li ghamlu biha. Ghalhekk kwalsiasi ftehim li sar mal-awtorita kellu jsir bil-kunsens taghhom ukoll. Kull ma kellu jsir kien li l-partijiet, b'mod civili u kordjali, jiltaqghu u jiftehemu kif ser jipprocedi minghajr ma jigi ppregudikat hadd. Mill-provi rrizulta li l-

konvenut naqas ukoll milli jiddelega lill-awtorita biex taghmel il-pagamenti lill-atturi, bhala l-persuni li kellhom dritt li jircievu l-hlas.

Illum m'hemmx dubju li :-

i. L-atturi ghandhom dritt ghall-kumpens li thallas minn Transport Malta.

ii. Angelo Sammut ghandu dritt jircievi l-bilanc tal-prezz li ghadu dovut skond l-iskrittura ta' bejgh li ffirma mal-konvenuti fl-4 ta' Lulju 2004.

Illum fadal isir ezercizzju ta' konteggi in vista li ghad hemm bilanc ta' flus dovuti lil Angelo Sammut fit-termini tal-iskrittura tal-4 ta' Lulju 2004. Ghalkemm min-naha tal-konvenut ma saritx talba rikonvenzjonali, madankollu fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezentaw fis-7 ta' Dicembru 2011 ammettew li l-konvenut ghandu dritt li mill-kumpens li hallset it-Transport Malta tinzamm is-somma ta' €86,600. L-atturi ddikjaraw: *Illi rrizulta illi dan il-beneficcju jammont ghal t-€12,300 u l-€111,500. Pero dan l-ahhar gew infurmati illi l-Gvern kien qieghed izid 1% imghax mill-1 ta' Marzu 2011 fuq il-bilanc.* ***Minn dawn il-konvenut irid izomm €86,600*** *ghaliex dan huwa l-bilanc dovut lilu bhala prezz tax-xarabank in kwistjoni*. Fid-dawl ta' din l-ammissjoni cara da parti tal-atturi, hu evidenti li l-atturi qeghdin jirrinunzjaw ghall-beneficcju tat-terminu kontemplat fl-iskrittura ta' bejgh tal-vettura. Dan iwassal ghall-ezistenza ta' zewgt idjun fl-istess zmien, u jaghti lok ghal tpacija ipso jure (Artikolu 1196 tal-Kodici Civili). Ovvjament tibqa' mpregudikata kwalsiasi pretensjoni ohra li jista' ghandu Angelo Sammut ghal xi bilanc ulterjuri. Qed jinghad hekk ghaliex ma saret l-ebda dikjarazzjoni minn Sammut dwar il-bilanc tal-prezz li ghadu dovut lilu.

Mehud in konsiderazzjoni li l-konvenut ffirma l-ftehim tat-28 ta' Jannar 2010 bhala proprjetarju minghajr ma jirrizulta li ghallinqas iddikjara x'kien l-interess tal-atturi jew iddelega lil Transport Malta biex taghmel il-hlas tal-atturi, il-qorti hi tal-fehma li l-atturi kienu gustifikati li jaghmlu l-kawza. Ghalkemm fir-risposta guramentata jinghad li dak li ghamel kien bil-kunsens tal-atturi, prova ta' dan ma nghatatx. Madankollu hu evidenti li fil-mori tal-proceduri l-affarijiet inbidlu fis-sens li l-atturi rratifikaw dak li ghamel Sammut, fis-sens li qablu li x-xarabank u l-licenzja jigu trasferiti lil Transport Malta. Fir-realta' ma kellhomx triq

ohra in kwantu bil-privatizazzjoni tal-karrozzi tal-linja, xi haga kellu jsir peress li l-vettura ma setghetx tibqa' tintuza ghat-trasport pubbliku. Mill-ftehim li gie ffirmat ma jirrizultax li kien hemm xi offerta ohra ta' kumpens li kienet iktar favorevoli minn dik li ghazel il-konvenut. Sfortuntament jidher li minhabba l-mod kif agixxa l-attur, l-awtorita taf lilu ghal dak li jikkoncerna hlas ta' kumpens.

Illum, bejn il-partijiet hemm qbil li hlas li sar mill-Awtorita hu dovut lill-atturi. Min-naha tal-atturi ghandhom obbligu li jhallsu lill-atturi l-bilanc tal-prezz li ghadu dovut skond l-iskrittura tal-4 ta' Lulju 2004. Kemm jista' jkun il-qorti ser tkun prattika fil-mod kif ser tiddeciedi sabiex tipprova taghti direzzjoni lill-partijiet bit-tama li ma jinqalghux iktar kwistjonijiet bla bzonn.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi f'dan ix-xenarju tiddikjara li:-**

**1. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li minghajr il-kunsens tal-atturi jidhol fi ftehim li bih obbliga ruhu li jittrasferixxi l-karrozza tal-linja FBY 697 u l-licenzja lil Transport Malta.**

**2. Mehud in konsiderazzjoni li l-atturi ghandhom id-dritt ghas-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf ewro (€123,000) u li l-atturi ammettew li ghandhom ihallsu lil Angelo Sammut is-somma ta' €86,600 bhala l-bilanc tal-prezz tax-xarabank (ara nota ta' sottomissjonijiet prezentata fis-7 ta' Dicembru 2011), tillikwida s-somma ta' sitta u tletin elf u erbgha mitt ewro (€36,400) bhala l-ammont dovut lill-atturi. Tibqa' impregudikata kwalsiasi pretensjoni ohra ta' Angelo Sammut ghal xi bilanc ta' prezz jekk jippretendi li hu iktar minn dak li ammettew l-atturi, kif ukoll ghall-imghax fuq pagamenti li setghu kienu moruzi fihom.**

**3. Tikkundanna lil Angelo u Malai Sammut ihallas lill-atturi s-somma ta' sitta u tletin elf ewro u erbgha mitt ewro (€36,400), ammont li l-atturi qeghdin minn issa jigu awtorizzati jirtiraw mic-cedola/i ta' depozitu li pprezentat Transport Malta kontra Angelo Sammut wara l-mandat ta' sekwestru numru 605/2010 (ara cedoli 90/11 prezentata fl-24 ta' Jannar 2011 u 1341/11 prezentata fit-13 ta' Ottubru 2011). Diment li l-atturi jistghu liberament jirtiraw dawn il-flus m'ghandux jiddekorri imghax fuq l-ammont, b'dan li jekk ghal xi**

**raguni ma jistghux jirtirawhom ghandu jiddekorri l-imghax mil-lum.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti Angelo u Malai Sammut minhabba l-mod kif agixxa u li wassal biex issir kawza bla bzonn. B'dan li nofs l-ispejjez li jigu ntaxxati mir-Registratur bhala dovuti mill-konvenuti, ghandhom jaghmlu tajjeb ghalihom l-atturi peress li harrku persuna li ma kenitx legittimu kontradittur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------